31977R1180

L 142/10 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 9.6.1977

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 1180/77

tas-17 ta' Mejju 1977

dwar importazzjonijiet ġewwa l-Komunità ta' ċerti prodotti agrikoli li joriġinaw fit-Turkija

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 43 u 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi, f'Deċiżjoni Nru 1/77, il-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni KEE-Turkija, b'mod konformi ma' l-Artikolu 35(3) tal-Protokoll Addizzjonali, kif emendat bl-Artikolu 10 tal-Ftehim *Interim* iffirmat fit-30 ta' Ġunju 1973, jistabbilixxi l-arranġamenti li għandhom ikunu applikati għal importazzjonijiet fil-Komunità ta' ċerti prodotti agrikoli li joriġinaw fit-Turkija;

Billi l-implimentazzjoni ta' dik id-Deċiżjoni tinvolvi l-addattamenti tar-Regolamenti tal-Komunità;

Billi d-disposizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' importazzjonijiet għal ġewwa l-Komunità ta' ċerti prodotti agrikoli li joriġinaw fit-Turkija ġew emendati f'numru ta' okkażjonijiet wara Deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni; filwaqt li t-testi in kwistjoni, minħabba li għandhom jinstabu f'Ġurnali Uffiċjali varji, huma diffiċli biex ikunu użati u għalhekk ma fihomx iċ-ċarezza neċessarja li kull Regolament għandu jkollu; billi hu għalhekk meħtieġ li jkunu kkonsolidati;

Billi, barra minnhekk, sabiex jinġiebu flimkien f'Regolament wieħed kull disposizzjoni dwar importazzjonijiet ta' prodotti agrikoli fil-Komunità, huwa mixtieq li jiġu inkorporati f'dan ir-Regolament id-disposizzjonijiet imqiegħda bl-Atti tal-Kunsill fit-twettiq tad-disposizzjonijiet tal-Protokoll Addizzjonali għal Ftehim li jistabbilixxi kull Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija;

Billi l-Artikolu 4 ta' l-Anness 6 għall-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim li jistabbilixxi kull Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija jipprovdi għal tnaqqis fit-tariffa għal importazzjonijiet għal ġewwa l-Komunità ta' lumi frisk li joriġina fit-Turkija; billi, matul il-perjodu ta' applikazzjoni tal-prezzijiet ta' referenza dan it-tnaqqis hu soġġett għal li jkun osservat tali prezz fis-suq intern tal-Komunità; billi l-implimentazzjoni ta' dawn l-arranġamenti teħtieġ l-adozzjoni ta' regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tagħhom;

Billi l-arranġamenti proposti għandhom ikunu inklużi fl-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-frott u ħaxix; billi huwa għalhekk meħtieġ li jingħata kas tad-disposizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1035/72 tat-18 ta' Mejju 1972 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-frott u ħaxix [2], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 795/76 [3], u ta' dawk adottati skond dak ir-Regolament;

Billi l-Artikolu 12 ta' l-Anness 6 għall-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim li jistabbilixxi kull Assoċjazzjoni bejn Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija jistipula li l-imposti fuq l-importazzjonijiet ta' qamħ għas-smid u skalora prodotta fit-Turkija u ttrasportata dirett minn dak il-pajjiż għal ġewwa l-Komunità għandha tkun l-imposta kkalkulata b'mod konformi ma' l-Artikolu 13 ta' Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2727/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċereali [4], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 3138/76 [5], imnaqqsa b' 0 75 unità ta' kont għal kull tunnellata metrika;

Billi l-Artikolu 13 ta' l-Anness hawn fuq imsemmi jistipula li, fuq il-kondizzjoni li t-Turkija tapplika kull impost speċjali fuq l-esportazzjonijiet ta' segala għal ġewwa l-Komunità, l-impost fuq l-importazzjonijiet għal ġewwa l-Komunità ta' dak il-prodott, ikkalkulata b'mod konformi ma' l-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 2727/75, għandha tkun imnaqqsa b'ammont ugwali għal dak ta' l-impost imħallas sa massimu ta' tmien ishma ta' kont għal kull tunnellata metrika;

---

[1] ĠU C 118, tas-16.5.1977, p. 68.

[2] ĠU L 118, ta' l-20.5.1972, p. 1.

[3] ĠU L 93, tat-8.4.1976, p. 6.

[4] ĠU L 281, ta' l-1.11.1975, p. 1.

[5] ĠU L 354, ta' l-24.12.1976, p. 1.

Billi huwa neċessarju li jkun stipulat, b'mod konformi mal-Protokoll Addizzjonali, li l-prezz speċjali li għalih saret referenza hawn fuq għandu jkun rifless fil-prezz ta' segala importat ġewwa il-Komunità; billi, sabiex tassigura li l-arranġamenti in kwistjoni jkunu implimentati b'mod xieraq, huwa neċessarju li jkunu adottati l-miżuri meħtieġa sabiex, waqt li tiġi importata s-segala, l-importatur jipprovdi prova li l-impost ta' esportazzjoni speċjali ġie mħallas mill-esportatur,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Id-dazji tad-dwana applikabbli għal importazzjonijiet għal ġewwa l-Komunità ta' prodotti elenkati fl-Anness I u li joriġinaw fit-Turkija għandhom ikunu mnaqqsa sa l-ammont indikat għal kull wieħed minnhom.

2. Sal-31 ta' Diċembru 1977 u permezz ta' deroga minn paragrafu 1, id-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit għandhom ikunu awtorizzati li japplikaw dazji mhux inqas minn dawk elenkati fl-Anness II għal importazzjonijiet ta' laringi frisk li jaqa' taħt subtitolu 08.02 ex A tat-Tariffa Doganali Komuni u ta' mandolin frisk (li jinkludu mandolin u satsumas), klementini, *wilkings* u ibridi taċ-ċitru oħra simili li jaqgħu taħt is-subintestatura 08.02 ex B tat-Tariffa Doganali Komuni.

Artikolu 2

Il-komponent stabbilit tad-dazju impost fuq importazzjonijiet għal ġewwa l-Komunità ta' prodotti elenkati fl-Anness III li joriġinaw fit-Turkija għandhom ikunu mnaqqsa sa l-ammont indikat għal kull wieħed minnhom.

Artikolu 3

Għall-prodotti elenkati taħt li joriġinaw fit-Turkija d-dazji tad-dwana fuq importazzjonijiet għal ġewwa l-Komunità għandhom ikunu mnaqqsa sa l-ammont indikat għal kull wieħed minnhom, kemm-il darba l-prezzijiet ta' riferiment stabbiliti jew li għad jiġu stabbiliti b'mod konformi ma' l-Artikolu 19 ta' Regolament (KEE) Nru 100/76 (1) jiġu mħarsa.

Numru tat-titolu tat-TDK	Deskrizzjoni	Rata tar-riduzzjoni %
03.01	Ħut, frisk (ħaj jew mejjet), imkessaħ jew iffriżat:	
	B. Ħut tal-ilma mielaħ	
	1. Sħiħ, mingħajr ras jew f'biċċiet:	
	(e) klieb il-baħar	80
	(f) Hut ahmar (sebastes marinus)	80
	(g) Halibut (Hippoglossus vulgaris, Hippoglossus reinharditus)	80
	(h) Merluzz (Gadus morhua vai Gadus catlarias)	80
	(ij) "Coalfish" (Pollachius vorens vai Gadus virens)	80
	(k) Bakkaljawi	80
	(l) Imsell (Merlangus merlangus)	80
	(m) Tonn	80
	(o) Barbun tat-tbajja	80
	(p) Ħawwad ta' l-ispeci *Dentex dentex* u *Pagellus*	80
	(q) Oħrajn	80

Artikolu 4

1. Għal lumi frisk is-subintestatura 08.02 ex Ċ tat-Tariffa Doganali Komuni, it-tnaqqis fit-tariffa li għaliha hemm provdut fl-Artikolu 4(3) ta' l-Anness 6 għall-Protokoll Addizzjonali għandha tkun applikabbli fejn il-kwotazzjonijiet imniżżla dwar is-swieq rappreżentattivi tal-Komunità fil-fażi ta' l-importatur/grossist, jew mibdul f'dan l-istadju, jibqgħu, għall-prodott in kwistjoni, mill-inqas għoljin daqs il-prezz imfisser fil-paragrafu 4.

Il-kwotazzjonijiet li għalihom saret referenza fl-ewwel subparagrafu għandu jittieħed konsiderazzjoni tagħhom wara li joħorġu mid-dwana u jitnaqqsu l-imposti ta' importazzjoni minbarra dazji tad-dwana, l-imposti jkunu dawk stipulati għall-kalkolazzjoni tal-prezz ta' dħul li għalih hemm referenza fir-Regolament (KEE) Nru 1035/72 [1].

Il-prodott in kwistjoni għandu, fejn ikun xieraq, jiġi mibdul għal Klassi ta' Kwalita I b'mod konformi mat-tielet indentazzjoni tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 24(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72.

[1] ĠU L 20, tat-28.1.1976, p. 1.

2. F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-imposti ta' importazzjoni minbarra dazji tad-dwana li għalihom hemm referenza fit-tielet indent ta' paragrafu 3 ta' l-Artikolu 24 tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72, kemm-il darba l-prezzijiet mogħtija lill-Kummissjoni mill-Istati Membri jkunu jinkludu l-inċidenza ta' dawk l-imposti, is-somma li għandha tkun imnaqqsa għandha tkun ikkalkulata mill-Kummissjoni sabiex ikunu evitati diffikultajiet li jistgħu jirriżultaw mill-inċidenza ta' tali imposti fuq prezzijiet ta' dħul peress li jkunu jiddependu fuq l-oriġini tal-prodotti kkonċernati. F'dawn il-każijiet kull ammont medju li jikkorrispondi mal-medja aritmetika ta' bejn l-inqas u l-ogħla inċidenza ta' tali taxxi għandu jittieħed rendikont f'din il-kalkolazzjoni.

3. Is-swieq rappreżentattivi għall-iskopijiet ta' paragrafu 1 huma s-swieq tal-Komunità użati sabiex ikunu mniżżla kwotazzjonijiet fuq liema bażi l-prezzijiet ta' dħul li għalihom saret referenza għalihom fir-Regolament (KEE) Nru 1035/72 huma kkalkolati.

4. Il-prezz li għalih saret referenza fil-paragrafu 1 għandu jkun ugwali għal kull prezz ta' riferiment fis-seħħ matul il-perjodu in kwistjoni, miżjud bl-inċidenza tad-dazji tad-dwana applikabbli għal importazzjonijiet li jkunu ġejjin minn pajjiżi mhux membri u ammont standard ta' 1 720 unitajiet ta' kont għal kull 100 kilogramm.

5. Meta l-kwotazzjonijiet li għalihom saret referenza fil-paragrafu 1, wara li joħorġu mid-dwana u jitnaqqsu l-imposti oltre d-dazji tad-dwana, jibqgħu, fis-swieq rapreżentattivi tal-Komunità bl-irħas kwotazzjonijet, inqas mill-prezz iddefinit fil-paragrafu 4 fi tlett ijiem tas-suq konsekuttivi, id-dazji tad-dwana fis-seħħ f'dak li għandu x'jaqsam ma' pajjiżi mhux membri fid-data ta' importazzjoni għandhom ikunu applikati għall-prodott ikkonċernat.

Dawn l-arranġamenti għandhom japplikaw sakemm il-kwotazzjonijiet imsemmija jibqgħu, fis-swieq rappreżentattivi tal-Komunità bl-irħas kwotazzjonijet, ta' l-inqas għoljin daqs il-prezz iddefinit fil-paragrafu 4 fi tlett ijiem konsekuttivi tas-suq.

6. Il-Kummissjoni, fuq il-bażi tal-kwotazzjonijiet imniżżla fis-swieq rappreżentattivi tal-Komunità mogħtija mill-Istati Membri, għandha ssegwi regolarment il-moviment ta' prezzijiet u għandha taċċerta l-livelli li għalihom hemm referenza fil-paragrafu 5.

Il-miżuri meħtieġa għandhom ikunu adottati b'mod konformi mal-proċedura ddettata f'Regolament (KEE) Nru 1035/72 f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-applikazzjoni ta' taxxi kompensatorji għad-dazji fuq frott u ħaxix.

7. L-Artikoli 23 sa 28 tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72 għandhom ikomplu japplikaw.

Artikolu 5

1. Is-segwenti prodotti, li jorġinaw fit-Turkija, għandhom jitħallew fil-Komunità b'dazju tad-dwana ta' 2.75 % *ad valorem* fil-limitu ta' kwota ta' tariffa annwali ta' 25 000 tunnellata metrika.

Numru tat-titolu tat-TDK	Deskrizzjoni
08.05	Lewż apparti dawk li jaqgħu taħt l-intestatura nru 08.01friski jew nexfin, bil-qoxra jew le: ex G. oħrajn — Ġellewż

2. Jekk paragrafu 1 ma japplikax għal sena kalendarja shiha l-kwota għandha tinfetaħ fuq bażi *pro rata*.

Artikolu 6

L-imposti applikati għal importazzjoniet fil-Komunià ta' qamħ durum għall-ismid u skalora, prodotti fit-Turkija u ttrasportati dirett minn hemm għall-Komunità, li jaqgħu taħt subintestatura 10.01 B u 10.07 ex D tat-Tariffa Doganali Komuni rispettivament, għandhom ikunu dawk ikkalkolati b'mod konformi ma' l-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 2727/75, kull waħda tnaqqas 0 750 unità ta' kont għal kull tunnellata metrika.

Artikolu 7

1. L-impost ta' importazzjoni ta' segala li taqa' taħt intestatura Nru 10.02 tat-Tariffa Doganali Komuni li hi prodotta fit-Turkija u ttrasportata dirett minn hemm għall-Komunità, għandha tkun dik ikkalkolata b'mod konformi ma' l-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 2727/75 imnaqqsa b'kull ammont ugwali għall-imposta ta' esportazzjoni speċjali imposta mit-Turkija fuq esportazzjonijiet lill-Komunità tal-prodott imsemmi iżda li ma taqbiżx tmien unità ta' kont għal kull tunnellata metrika.

2. Id-disposizzjonijiet ta' paragrafu 1 għandhom japplikaw għal kull importazzjoniji li għaliha l-importatur jagħti prova li esportatur ikun ħallas il-multa ta' esportazzjoni speċjali, sa mhux aktar minn kull ammont li la jaqbeż l-impost stabbilit b'mod konform ma' l-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 2727/75 fuq importazzjonijiet ta' segala għal ġewwa l-Komunità u lanqas tmien unità ta' kont għal kull tunnellata metrika.

Artikolu 8

Il-komponent stabbilit impost fuq l-importazzjoni għal ġewwa l-Komunità ta' prodotti elenkati taħt li joriġinaw fit-Turkija għandhom ikunu mnaqqsa b' 50 %.

NNumru tat-titolu tat-TDK	Deskrizzjoni
11.07	A. Xgħir, imsajjar fil-forn jew le: II. Ohrajn i) (a) fil-forma tad-dqiq B. Imsajra fil-forn

Artikolu 9

1. Meta t-Turkija tapplika l-imposta speċjali fuq esportazzjonijiet ta' żejt taż-żebbuġa, oltre ż-żejt taż-żebbuġa raffinat li jaqa' taħt subintestatura 15.07 A II tat-Tariffa Doganali Komuni, miksub kollu kemm hu fit-Turkija u ttrasportat direttament minn dak il-pajjiż għal ġewwa l-Komunità, l-impost fuq importazzjonijiet għal ġewwa l-Komunità ta' dak iż-żejt, skond il-każ, għandu jkun l-impost li hemm referenza għalih fl-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 136/66/KEE tat-22 ta' Settembru 1966 fuq it-twaqqif ta' kull organizzazzjoni komuni tas-suq ta' żjut u xaħmijiet ([1]), kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 1707/73 ([2]), jew dik li tirriżulta minn applikazzjoni tal-proċedura ta' offerti li għaliha hemm ipprovdut f'Regolament (KEE) Nru 2843/76 ([3]), inqas:

(a) 0 750 unità ta' kont għal kull 100 kilogramm;

(b) kull ammont ugwali għall-imposta ta' esportazzjoni speċjali miġbura mit-Turkija fuq dan iż-żejt f'limitu ta' disa' unità ta' kont għal kull 100 kilogramm, dak l-ammont ikun miżjud, sal-31 ta' Ottubru 1977, b'disa' unità ta' rendikont għal kull 100 kilogramm.

2. L-arranġamenti ddettati fil-paragrafu 1 għandhom ikunu applikati għal kull importazzjonij ta' żejt taż-żebbuġa li għalih l-esportatur jagħti prova malli ssir l-importazzjoni li l-imposta ta' esportazzjoni speċjali li għaliha hemm referenza fil-paragrafu msemmi ġiet riflessa fil-prezz ta' importazzjoni.

3. Fejn it-Turkija ma tapplikax l-imposta ta' esportazzjoni speċjali, l-imposta miġbura fuq importazzjonijiet għal ġewwa l-Komunità taż-żejt kif imfisser fil-paragrafu 1, għandha, skond il-każ, tkun l-imposta li hemm riferenza għaliha fl-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 136/66/KEE jew dik li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-proċedura ta' offerti kif previst fir-Regolament (KEE) Nru 2843/76, imnaqqsa b' 0 750 unità ta' kont għal kull 100 kilogramm.

Artikolu 10

1. Mingħajr preġudizzju għall-ġbir tal-komponent varjabbli, il-komponent stabbilit bl-imposta għandu jkun imnaqqas bi 80 % fuq importazzjonijiet għal ġewwa l-Komunità ta' żejt taż-żebbuġa li għadda minn proċess ta' raffinazzjoni, li jaqa' taħt subintestatura 15.07 A I tat-Tariffa Doganali Komuni, miksub biss fit-Turkija u ttrasportat direttament minn dak il-pajjiż għall-Komunità.

2. L-imposta li għaliha hemm referenza fil-paragrafu 1 għandha tkun stabbilita mill-Kummissjoni.

Artikolu 11

1. Għal sardin ippreparat u ppriżervat li jaqa' taħt subintestatura 16.04 D tat-Tariffa Doganali Komuni u li joriġina fit-Turkija d-dazju tad-dwana fuq importazzjonijiet għal ġewwa l-Komunità għandu jkun imnaqqas b'40 % bla ħsara għall-ħarsien tal-prezzijiet minimi stabbiliti skond dan li ġej.

2. Sat-30 ta' Ġunju 1978 l-prezzijiet minimi li għalihom hemm riferenza fil-paragrafu 1 għandhom ikunu dawk speċifikati fl-Anness IV. Il-prezzijiet għall-perjodu li jibda nhar l-1 ta' Lulju 1978 m'għandhomx ikunu inqas minn dawk speċifikati fl-Anness imsemmi, kif aġġornati bi skambju ta' ittri bejn il-Partijiet Kontraenti sabiex jagħtu każ ta' l-andament ta' prezzijiet għall-prodotti in kwistjoni.

3. Mill-1 ta' Lulju 1979 il-prezzijiet minimi li għalihom hemm referenza fil-paragrafu 1 għandhom ikunu miftiehma bi skambju ta' ittri ta' kull sena bejn il-Partijiet Kontraenti.

4. It-tnaqqis tad-dazju tad-dwana li għalihom hemm referenza fil-paragrafu 1 għandu japplika biss mid-data u għall-perjodi stabbiliti bi skambju ta' ittri li jiddettaw ir-regoli tekniċi sabex ikun applikat dan l-Artikolu.

Artikolu 12

1. Għall-prodotti mniżżla taħt li joriġinaw fit-Turkija d-dazju tad-dwana fuq importazzjonijiet għal ġewwa l-Komunità għandhom ikunu mnaqqsa kif ġej, bla ħsara għall-osservanza tat-termini miftiehma bi skambju ta' ittri.

NNumru tat-titolu tat-TDK	Deskrizzjoni	Rata tar-riduzzjoni %
20.02	Ħaxix ippreparat jew ippreżervat mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku; eż. Tadam — konċentrati tad-tadam	30

2. It-tnaqqis fit-tariffa li għaliha hemm riferenza fil-paragrafu 1 japplika biss mid-data u għall-perjodi stabbiliti b'skambji ta' ittri li għandhom ikunu konklużi kull sena bejn il-Partijiet Kontraenti sabiex jistabbilixxu t-termini u regoli ddettaljati.

([1]) ĠU C 172, tat-30.9.1966, p. 3025/66.
([2]) ĠU L 175, tad-29.6.1973, p. 5.
([3]) ĠU L 327, tas-26.11.1976, p. 4.

Artikolu 13

Għall-prodotti elenkati taħt li joriġinaw fit-Turkija d-dazju tad-dwana fuq importazzjonijiet għal ġewwa l-Komunità għandhom ikunu mnaqqsa b'30 % fil-limitu ta' kwota tal-Komunità ta' tariffa annwali ta' 90 tunnellata metrika.

NNumru tat-titolu tat-TDK	Deskrizzjoni
20.06	Frott ippreparat jew ippreżervat mod ieħor, li jikkonsisti miz-zokkor miżjud jew mill-ispirtu jew mingħajr: B. Oħrajn: II. II Li ma jikkonsistux mill-ispirtu miżjud (ċ) Ma hemmx fih zokkor miżjud, f'pakketti immedjati ta' volum nett: 1. Ta' 4.5 kg jew iżjed eż aa) Berquq — polpa tal-berquq

Artikolu 14

Fejn meħtieġ, għandhom ikunu adottati regoli ddettaljati għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament b'mod konformi mal-proċedura ddettata fl-Artikolu 26 tar-Regolament (KEE) Nru 2727/75 jew, skond il-każ, fl-Artikoli korrispondenti f'Regolamenti oħra dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli.

Artikolu 15

1. Is-segwenti huma mħassra:

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1233/71 tas-7 ta' Ġunju 1971 dwar importazzjonijiet ta' frott taċ-ċitru li jorġina fit-Turkija ([1]);

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1235/71 tas-7 ta' Ġunju 1971 dwar importazzjonijiet ta' żejt taż-żebbuġa mit-Turkija ([2]);

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2754/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar importazzjonijiet ta' ċerti ċereali fit-Turkija ([3]);

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) 2755/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-importazzjonijiet għal ġewwa l-Komunità ta' ċerti prodotti agrikoli li joriġinaw fit-Turkija ([4]);

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 113/76 tad-19 ta' Jannar 1976 dwar importazzjonijiet għal ġewwa l-Komunità ta' prodotti tas-sajd li joriġinaw fit-Turkija ([5]).

2. Referenzi għar-Regolamenti mneħħija taħt paragrafu 1 għandhom ikunu miftiehma li japplikaw għal dan ir-Regolament.

Ċitazzjonijiet u referenzi li għandhom x'jaqsmu ma' l-Artikoli tar-Regolamenti msemmija għandhom jinqraw b'mod konformi mal-lista ta' ekwivalenza mogħtija fl-Anness V.

Artikolu 16

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ nhar l-1 ta' Lulju 1977.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-17 ta' Mejju 1977.

Għall-Kunsill

Il-President

J. SILKIN

([1]) ĠU L 130, tas-16.6.1971, p. 51.
([2]) ĠU L 130, tas-16.6.1971, p. 55.
([3]) ĠU L 281, ta' l-1.11.1975, p. 95.
([4]) ĠU L 281, ta' l-1.11.1975, p. 97.
([5]) ĠU L 20, tat-28.1.1976, p. 55.

ANNESS I

Numru tat-titolu tat-TDK	Deskrizzjoni	Rata tar-tnaqqis %
01.01	Żwiemel ħajjin, ħmir, bgħula imħalltin bejn żiemel u ħmara u bejn debba u ħmar:	
	A: Żwiemel:	
	II. Għall-qatla [a]	80
02.01	Laħam u fdalijiet ta' l-istess li jistgħu jittieklu li jaqgħu taħt l-intestatura nru 01.01, 01.02, 01.03 jew 01.04, friski, iffriżati jew imkessħin:	
	A: Laħam:	
	Ex.1 taż-żwiemel, ħmir, bgħula imħalltin bejn żiemel u ħmara u bejn debba u ħmar:	
	— Taż-żwiemel:	80
03.01	Ħut, frisk (ħaj jew mejjet), imkessaħ jew iffrizat:	
	B. Ħut ta' l-ilma ħelu:	
	II. Sallura	70
	B. Ħut ta' l-ilma mielaħ	
	I. Sħiħ, mingħajr ras jew f'biċċiet:	
	(ċ) Tonn	100
03.02	Ħut, niexef, fil-melħ jew f'ilma mielaħ; ħut skurat, imsajjar jew m'huwiex minn qabel jew waqt il-process tat-tidħin	60
03.03	Krustaċeji u molluski, fil-qoxra jew mingħajr, friski (ħajjin jew mejtin), imkessħin, iffriżati, fil-melħ jew fl-ilma mielaħ; krustaċeji fil-qoxra, sempliċiment moqlija fl-ilma:	
	A. Krustaċeji:	
	I. Awista	100
	II. Awista (*Homarus* sp.p.)	100
	III. Granċijiet u awisti ta' l-ilma ħelu	100
	IV. Gambli u gambli	100
	B: - - -	
	IV. Oħrajn	60
06.01	Basal, tuberi, għeruq tuberużi, basal tal-qasab, klil u riżomi, reqdin li qed jiżviluppaw jew fil-fjura:	
	B. Fl-iżvilupp jew fil-fjura	50

Numru tat-titolu tat-TDK	Deskrizzjoni	Rata tar-tnaqqis %
07.01	Ħaxix, frisk jew imkessaħ:	
	E. *Chard* (jew pitrava taz-zokkor) u karduni	60
	F. Ħaxix leguminali, fil-qoxra jew le:	
	II. Fażola (ta' l-ispeci *Phaseolus*)	
	ex a) Mill-1 t a' Ottubru sat-30 ta' Ġunju	
	— Mill-1 ta' Novembru sat-30 ta' April:	60
	ex III. Oħrajn	
	— Ful kbir (*Vicia faba major L.*) mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' April	60
	ex H. Basal, basal twil u tewm:	
	— Basal mill-15 ta' Frar sal-15 ta' Mejju	60
	N. Żebbuġ:	
	I. Għall-użu apparti mill-produzzjoni taż-żejt [a]	60
	O. Kappar	60
	ex T. Oħrajn:	
	— Brunġiel, mill-15 ta' Jannar sat-30 ta' April:	60
	— Qargħa aħmar jew qargħa u qargħa bagħli żgħir, mill-1 ta' Diċembru sa l-aħħar ġurnata ta' Frar	60
	— Karfus fil-forma ta' stikek, mill-15 ta' Jannar sat-30 ta' April:	60
	— Tursin	50
07.03	Ħaxix, proviżjonalment ippreżervat fis-salmura, f'ilma bil-kubrit jew f'taħlita oħra preżervattiva, iżda mhux ippreparati speċjalment għall-konsum immedjat:	
	N. Żebbuġ:	
	I. Għall-użu apparti mill-produzzjoni taż-żejt [a]	60
	B. Kappar	60
07.04	Ħaxix niexef, mingħajr ilma jew evaporat, shiħ, imqatta' f'biċċiet imkisser jew fi trab, imma mhux ippreparat aktar:	
	A. Basal	16 ½
	ex B. Oħrajn:	
	— Tewm	12 ½
07.05	Ħaxix niexef leguminali, fil-qoxra, imqaxxar jew mhux jew maqsum:	
	A. għat-tiżriegħ:	
	ex I. Piżelli (bl-inklużjoni taċ-ċiċri) u ful (jew l-ispeċi *Phaseolus*):	
	— Piżelli	60
	II. Lentilli:	80
	ex III. Oħrajn	
	— Ful twil u ta' l-għelieqi	60

Numru tat-titolu tat-TDK	Deskrizzjoni	Rata tar-tnaqqis %
08.02	Frott ċitru, frisk jew niexef	
	ex A. Larinġ:	
	— Frisk	60
	ex B. Mandolina (bl-inklużjoni ta' tanġerin u satsumas), klementini, *wilkings* u tipi oħra ta' frott taċ-ċitru mħallat	
	— Frisk	60
	D: Lumi Larinġ	80
08.03	Tin, frisk jew iffriżat	
	A. Frisk	60
08.04	Għeneb, frisk jew niexef:	
	A. Frisk:	
	I. Tabella ta' l-għeneb:	
	ex a) Mill-1 ta' Novembru sa l-14 ta' Lulju	
	— Mill-15 ta' Novembru sat-30 ta' April	60
08.05	lewż apparti minn dawk li jaqgħu taħt it-titolu nru 08.01, friski jew nexfin, fil-qoxra jew mingħajr:	
	D. Pistaċċi	60
	E. *Pecans*	60
	ex G. Oħrajn:	
	— Żerriegħa tal-Pin:	60
08.06	Tuffieħ, lanġas u sfarġeli, friski:	
	Ċ. Sfarġel.	60
08.07	Frott tal-ġebel, friski:	
	D. Għanbaqar	
	ex II. Mill-1 ta' Ottubru sat-30 ta' Ġunju	
	— Mill-1 ta' Mejju sal-15 ta' Ġunju	60
ex 08.09	Frott ieħor, frisk:	
	— Bettieħ, mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Mejju	50
	— Dulliegħ, mill-1 ta' April sal-15 ta' Ġunju	50
08.12	Frott, niexef, apparti minn dawk li jaqgħu taħt it-titoli numri 08.01, 08.02, 08.03, 08.04 jew 08.05.	
	A. Berquq	75
	B. Ħawħ, li jinkludi nuċiprisk	60
	D. Tuffieħ u lanġas	60
	E. Papaws	60
	F. Insalata tal-Frott:	
	1. Li ma jikkonsistix mill-pruna	60
	G. Oħrajn:	60

Numru tat-titolu tat-TDK	Deskrizzjoni	Rata tar-tnaqqis %
12.03	Żerriegħa, frott u spori, tat-tip użat għaż-żriegħ.	
	A. Żerriegħa tal-pitrava [a]	30
	Ċ. Ħaxix u żerriegħa oħra erbali:	
	ex I. Żerriegħa ta' l-Għasluġ tal-*Meadow* (*Festuca pratensis*); żerriegħa tal-ġulbiena; żerriegħa tat-tip Poa (*Poa palustris, Poa trivalis, Poa pratensis*); sikrana (*Loltum perenne, Lolium multiforum*) ħaxix tat-*timothy* (*Pleum pratense*), Għasluġ aħmar (*Festuca rubra*); ħaxix tal-*cocksfoot* (*Dactylis glomerata*); ħaxix mgħawweġ (*Agrostis*):	
	— Żerriegħa tal-ġulbiena [b]	50
16.04	Ħut ippreparat jew ippreżervat, bl-inklużjoni ta' sostitwenti tal-kavjar:	
	ex F. Bonito (*Sarda* sp.p.), kavall u inċova	
	— Bonito (*Sarda* sp.p.) u kavall	16
16.05	Krustaċeji u Molluski, ippreparati jew ippreżervati	60
20.01	Ħaxix u frott, ippreparat jew ippreżervat b'mod differenti milli bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, biz-zokkor jew mingħajru, irrispettivament ta' jekk ikunxfihom melħ, ħwawar jew mustarda;	
	ex B. Oħrajn:	
	— bl-esklużjoni tal-ħjar żgħir	60
20.02	Ħaxix ippreparat jew ippreżervat mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku;	
	ex Ċ. Tadam:	
	— Tadam imqaxxar	30
	D. Asparagu	20
	F. Kappar u żebbuġ	70
	G. Piżelli, ful fil-fesdaq	20
	ex H. Oħrajn, li jinkludi fih it-taħlitiet:	
	— Bl-esklużjoni ta' karrotti u taħlitiet	60
	— Karrotti, bl-esklużjoni tat-taħlitiet	20
	— Taħlitiet tat-"turlu" li jikkonsistu minn ful Franċiż, brunġiel, qargħa bagħli żgħir u tipi varji oħra ta' ħaxix	50
20.05	Ġelatina ta' ġamm tal-frott, marmellata, krema tal-frott u għaġina tal-frott, li jkunu preparazzjonijiet imsajra, irrispettivament ta' jekk jikkonsistux miz-zokkor jew le:	
	Ċ. Oħrajn	
	ex III. Oħrajn:	
	— Krema tat-tin	60

Numru tat-titolu tat-TDK	Deskrizzjoni	Rata tar-tnaqqis %
20.06	Frott ippreparat jew ippreżervat mod ieħor, li jkun fih jew ma jkunx fih zokkor miżjud jew mill-ispirtu:	
	A. Lewż (bl-inklużjoni tal-ġewż), imsajjrin fil-forn	60
	B. Oħrajn:	
	II. Li ma jikkonsistux mill-ispirtu miżjud:	
	(ċ) Mhux konsistenti miz-zokkor miżjud, f'pakketti immedjati ta' volum nett ta' iktar minn kilogramm wieħed:	
	2. Segmenti tal-Lumi laringi:	80
	7. Ħawħ u Berquq:	
	ex aa) Bil-kontenut taz-zokkor li jeċċedi 13 % bil-piż:	
	— Berquq	20
	ex bb) Oħrajn:	
	— Berquq	20
	ex 8. Frott ieħor:	
	— Lumi laringi	80
	(b) Mhux konsistenti miz-zokkor miżjud f'pakketti immedjati ta' volum nett ta' kilogramm wieħed jew inqas:	
	2. Segmenti tal-Lumi laringi	80
	ex 8. Frott ieħor:	
	— Lumi laringi	80
	(ċ) Konsistenti miz-zokkor miżjud, f'pakketti immedjati ta' volum nett:	
	1. ta' 4.5 kg jew iżjed:	
	ex aa) Berquq:	
	— Nofsiet tal-berquq	20
	ex dd). Frott ieħor:	
	— Lumi laringi	80
	2. Ta' inqas minn 4.5 kg;	
	ex bb) Frott ieħor u taħlitiet tal-frott:	
	— Lumi laringi	80
20.07	Sugu tal-frott (li jinkludi nbid ġdid ta' l-għeneb) u sugu tal-ħaxix, irrispettivament ta' jekk għandhomx zokkor miżjud jew m'għandhomx, iżda mhux iffermentati u mhux konsistenti mill-ispirtu:	
	A. Ta' piż speċifiku li jeċċedi 1.33 fi 15°C:	
	III. Oħrajn:	
	ex a) Ta' valur li ma jaqbiżx 30 u.a. kull 100 kg piż nett	
	— Lumi laringi	70
	ex b) Ta' valur li ma jaqbiżx 30 u.a. kull 100 kg piż nett	
	— Lumi laringi	70

Numru tat-titolu tat-TDK	Deskrizzjoni	Rata tar-tnaqqis %
	B. Ta' piż speċifiku ta' 1.33 fi 15°C:	
	II. Oħrajn:	
	ex a) Ta' valur li ma jaqbiżx 30 u.a. kull 100 kg piż nett	
	2. Lumi lariġ	70
	ex b) Ta' valur li ma jaqbiżx 30 u.a. kull 100 kg piż nett	
	2. Lumi lariġ	70

(a) Dħul taħt din is-sub-intestatura huwa soġġett għall-kondizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti.
(a) Din il-konċessjoni tapplika biss fir-rigward taż-żrar b'mod konformi mad-disposizzjonijiet tad-Direttivi dwar il-kummerċ taż-żrar u pjanti.
(b) Din il-konċessjoni tapplika biss għaż-żrar kummerċjali skond it-tisfira ta' l-Artikolu 2 D tad-Direttiva tal-Kunsill numru 66/401/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 (ĠU C 125, 11.7.1966).

ANNESS II

Dazji minimi fuq ir-residwi li jistgħu jiġu applikati taħt il-kondizzjonijiet ta' l-artikolu 1(2)

I. DANIMARKA

Tariffi Doganali tad-Danimarka taħt it-titolu Nru.	Deskrizzjoni	Ir-rata tad- dazju ta' l-1.1.1977
1	2	3
08.02	Frott ċitru, frisk jew niexef	
	A. Lariġ:	
	I. Lariġ ħelu, frisk:	
	(a) Mill-1 sat-30 ta' April:	2,6 %
	(b) Mill-1 t sal-15 ta' Mejju	1,2 %
	(ċ) Mis-16 ta' Mejju sal-15 ta' Ottubru	0,8 %
	(d) Mis-16 ta' Ottubru sat-30 ta' Marzu	4 %
	II. Oħrajn:	
	ex a) Mill-1 ta' April sal-15 ta' Ottubru:	
	— - Frisk	3 %
	ex b) Mis-16 ta' Ottubru sat-30 ta' Marzu	
	— Frisk	4 %
	ex B. Mandolin (li jinkludu tanġerin u satsumas); klementini, *wilkings* u frott ieħor ibridu taċ-ċitru ibridi bħal dan	
	I. Frisk	4 %

II. L-IRLANDA

Tariffi Doganali tad-Danimarka taħt it-titolu Nru.	Deskrizzjoni	Ir-rata tad- dazju ta' l-1.1.1977
1	2	3
03.02	Frott ċitru, frisk jew niexef	
	A. Lariġ:	
	I. Lariġ ħelu, frisk:	
	(a) Mill-1 sat-30 ta' April:	2,6 %
	(b) Mill-1 t sal-15 ta' Mejju	1,2 %
	(ċ) Mis-16 ta' Mejju sal-15 ta' Ottubru	0,8 %
	(d) Mis-16 ta' Ottubru sal-31 ta' Marzu	4 %
	II. Oħrajn:	
	ex a) Mill-1 ta' April sal-15 ta' Ottubru:	
	1. Frisk	3 %
	ex b) Mis-16 ta' Ottubru sat-31 ta' Marzu	
	1. Frisk	4 %
	ex B. Mandolin (li jinkludi tanġerin u satsumas); klementini, *wilkings* u frott ieħor ibridu taċ-ċitru bħal dan:	
	I. Frisk	4 %

III. IR-RENJU UNIT

Tariffi Doganali tad-Danimarka taht it-titolu Nru.	Deskrizzjoni	Ir-rata tad- dazju ta' l-1.1.1977
08.02	Frott ċitru, frisk jew niexef	
	A. Lariną:	
	I. Lariną ħelu, frisk:	
	(a) Mill-1 sat-30 ta' April:	2,6 % bil-prezz minimu ta' 0,0688/100 sterlina kull kg
	(b) Mill-1 t sal-15 ta' Mejju	1,2 % bil-prezz minimu ta' 0,0688/100 sterlina kull kg
	(ċ) Mis-16 ta' Mejju sal-15 ta' Ottubru	0,8 % bil-prezz minimu ta' 0,0688/100 sterlina kull kg
	(d) Mis-16 ta' Ottubru sal-31 ta' Marzu	
	1. Mis-16 ta' Ottubru sat-30 ta' Novembru	4 % bil-prezz minimu ta' 0,0688/100 sterlina kull kg
	2. Mill-1 ta' Diċembru sal-31 ta' Marzu	4,4 %
	II. Oħrajn:	
	(a) Mis-16 ta' Ottubru sat-30 ta' Novembru	
	1. Friska	3 % bil-prezz minimu ta' 0,0688/100 sterlina kull kg
	(d) Mis-16 ta' Ottubru sal-31 ta' Marzu:	
	1. Friska	
	(aa) Mis-16 ta' Ottubru sat-30 ta' Novembru	4 % ar minimali maksu 0,0688/ 100 sterlina per kg
	(bb) Mill-1 ta' Dicembru sal-31 ta' Marzu	4,4 %
	B. Mandolina (bl-inklużjoni tat-tanġerin u satsumas): Klementini, *wilkings* u frott ieħor taċ-ċitru bħal dan imħallat:	
	I. Frisk	
	(a) Mill-1 ta' April sat-30 ta' Novembru	4 % bil-prezz minimu ta' 0,0688/100 sterlina kull kg
	(b) Mill-1 ta' Dicembru sal-31 ta' Marzu	4,4 %

ANNESS III

Tariffi Doganali tad-Danimarka taht it-titolu Nru.	Deskrizzjoni	Ir-rata tad- dazju ta' l-1.1.1977
19.03	Makaroni, *spaghetti* u prodotti bħal dawn	75
21.07	Preparazzjonijiet ta' ikel mhux speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor:	
	A. Ċereali fil-qamħa jew fil-forma tal-widna, imsajjar minn qabel jew ippreżervat x'imkien ieħor	50
	E. – *Fondues* tal-ġobon	50
	F. Oħrajn:	
	exI b) 2 cc)	
	ex I c) 2 cc) — Qamħirrum imfarrak, imsajjar bil-pressjoni fl-ilma, li jkun fih estratt tax-xgħir, zokkor u melħ, intiż għall-użu bħala prodott bejjien fil-manifattura tal-biċċiet tal-*cornflakes* u preparazzjonijiet bħal dawn	50
	ex I a) 2 bb)	
	ex I a) 2 cc) — Prodotti magħrufa bħala "Bulgur barli" midħun tal-qamħ bħal parzjalment imqaxxar, qamħ ta' l-art imħaxxen bi kwantità żgħira tal-qalba tal-qamħ, li ġew imsajrin minn qabel	50
	exI a) 2 aa)	
	exI a) 2 bb)	
	exI b) 2 aa)	
	ex I b) 2 bb) — Patata helwa għall-konsum uman, ippreparata jew ippreżervata b'mod ieħor milli biz-zokkor jew bil-ġulepp	50
	exI e) 1	
	exI e) 2	
	ex I f) — Preparazzjonijiet ta' l-ikel li jikkonsistu minn għasel naturali miżjud bil-ġelatina rjali	50

ANNESS IV

sat-30 ta' Ġunju 1978)

Daqs		Kwantità netta		Piż semi-grossa	Kapaċità/ volum	Koeffiċjenti	Prezzijiet minimi (dazji tad-dwana inklużi) f' u.k., kull kartuna ta' 100 landa	
Speċifikazzjonijiet tal-Kummerċ	It-Tul Totali (mm)	Uqijiet	Grammi	Grammi	ċm³		Il-Komunità:	
							Fiż-żejt taż-żebbuġ	oħrajn
Bażi rettangolari:								
1/10 debbuża	20	2	56	95	53	0,60	11,70	10,80
1/8 debbuża	25	2¾	80	120	75	0,70	13,65	12,60
1/4 imnaqqas	18	2⅝	74	130	73	0,77	15,02	13,86
1/8 debbuża	30	3¼	90	140	93	0,80	15,60	14,40
1/4 speċjali	25	3⅙	90	140	90	0,85	16,58	15,30
1/8 Roqgħa baxxa	24	3⅜	95	145	96	0,90	17,55	16,20
1/4 debbuża	30	4⅜	125	190	125			
1/8 P 25				176	125			
						1,00		
1/4 normali	22	3¾	105	180	106		19,50	18,00
1/8 (debbuża 30)				188	130			
1/4 normali	24	4⅜	125	195	125	1,10	21,45	19,80
1/4 normali	30	5¼	150	240	169			
1/4 debbuża	40	6¼	175	250	178	1,30	25,35	23,40
1/4 P 30				250	187			
1/4 Amerikan	30	7	200	300	207	1,60	31,20	28,80
1/4 normali	40	9¼	260	326	250			
1/3/P				337	250	1,80	35,10	32,40
1/4 debbuża twila	40	8¾	248	320	241			
1/2 baxxa	30	9¼	260	370	245	2,20	42,90	39,60
1/4 normali twila	40	11½	325	423	313	2,50	48,75	45,00
1/4 normali	48	11	310	390	297	2,60	50,70	46,80
1/2 kbira	40	11½	325	460	330			
						2,70	52,65	48,60
1/2 P				476	375			
1/1				902	750			
						4,65	90,68	83,70
4/4	80	27½	780	950	771			
Bażi rettangolari:								
1/2 ovali	40	15	425	555	452	3·40	66·30	61·20

(Mill-1 ta' Lulju 1978 sat-30 ta' Awissu 1979)

Daqs		Kwantità netta		Piż semi-gross	Kapaċità/ volum	Koeffiċjenti	Prezzijiet minimi (dazji tad-dwana inklużi) f'u.k., kull kartuna ta' 100 landa	
							Il-Komunità	
Speċifikazzjonijiet tal-Kummerċ	It-Tul Totali (mm)	Uqijiet	Grammi	Grammi	cm^3		Fiż-żejt taż-żebbuġ	ohrajn
Bażi rettangolari:								
1/10 debbuża	20	2	56	95	53	0,60	12,30	11,40
1/8 debbuża	25	2¾	80	120	75	0,70	14,35	13,30
1/4 imnaqqas	18	2 5/8	74	130	73	0,77	15,79	14,63
1/8 debbuża	30	3¼	90	140	93	0,80	16,40	15,20
1/4 speċjali	25	3 1/6	90	140	90	0,85	17,43	16,15
1/8 Roqgħa baxxa	24	3 3/8	95	145	96	0,90	18,45	17,10
1/4 debbuża	30	4 3/8	125	190	125			
1/8 P 25				176	125			
						1,00		
1/4 normali	22	3 3/4	105	180	106		20,50	19,00
1/6 (debbuża 30)				188	130			
1/4 normali	24	4 3/8	125	195	125	1,10	22,55	20,90
1/4 normali	30	5 1/4	150	240	169			
1/4 debbuża	40	6 1/4	175	250	178	1,30	26,65	24,70
1/4 P 30				250	187			
1/4 Amerikan	30	7	200	300	207	1,60	32,80	30,40
1/4 normali	40	9 1/4	260	326	250			
1/3 P				337	250	1,80	36,90	34,20
1/4 debbuża twila	40	8 3/4	248	320	241			
1/2 baxxa	30	9 1/4	260	370	245	2,20	45,10	41,80
1/4 normali twila	40	11½	325	423	313	2,50	53,30	49,40
1/4 normali	48	11	310	390	297	2,60	53,30	49,40
1/2 kbira	40	11½	325	460	330			
						2,70		
1/2 P				476	375		55,35	51,30
1/1				902	750			
						4,65		
4/4	80	27½	780	950	771		95,33	88,35
Bażi rettangolari:								
1/2 ovali	40	15	425	555	452	3,40	69,70	64,60

ANNESS V

TABELLA TA' L-EKWIVALENZA

Regolament (KEE) Nru 1233/71 Artikolu	Dan ir-Regolament Artikolu
1.	4. (1) [1]
2. (1)	4. (1)
2. (2) l-ewwel sub-paragrafu	4. (2)
2. (2) it-tieni sub-paragrafu	14.
2. (3)	4. (3)
3.	4. (4)
4.	4. (5)
5.	4. (6)
6.	4. (7)

Regolament (KEE) Nru 2754/75 Artikolu	Dan ir-Regolament Artikolu
1.	6.
2.	7. (1)
3.	7. (2)
4.	14.

Regolament (KEE) Nru 2755/75 Artikolu	Dan ir-Regolament Artikolu
2.	8.
3.	2.
4.	5. [2]
Anness II.	Anness II.

Regolament (KEE) Nru 113/76 Artikolu	Dan ir-Regolament Artikolu
1.	Artikolu 1(1) u Anness I [3]

[1] Japplika biss għal-lumi li jaqa' taħt is-subintestatura 08.02 ex C tat-Tarriffi Doganali Komuni.
[2] Din l-ekwivalenza tapplika biss għall-kwantità tal-21 700 tomniet ta' prodotti li jaqgħu taħt is-subartikolu ex 08.05 G tat-Tarriffi Doganali Komuni.
[3] Din l-ekwivalenża tapplika biss fir-rigward tal-prodotti indikati fl-Artikolu korrispondenti tar-Regolamenti rtirati.